L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 4 ta' Marzu 2005

# Ahbarijiet b'differenza

Forsi ftit jindunaw kif inbidlu d-diski tal-bullettini ta' l-ahbarijiet taghna. Certi affarijiet li lanqas biss kienu ahbarijiet qabel issa saru ahbarijiet. Fosthom il-kaxxa ta' Malta u d-deficit; il-unions u l-ftehim kollettiv.

Ghal zminijiet twal taht Gvern Laburista tat-tmeninijiet konna nisimghu bil-kaxxa darba fis-sena f'jum il-budget.

Kien zmien tant kien hawn xoghol fil-pajjiz li hafna zghazagh kienu jahdmu bla ktieb. Ohrajn jitilqu l-iskola ghax ikunu diga' sabu xoghol tajjeb u stabbli qabel ma lahqu. Kienu jsiru pulizija bi tliet xhur preparazzjoni ghax il-Korp ma kellu l-ebda problemi finanzjarji.

Kienu jifthu l-lukandi li mil-lum ghal ghada kienu jittraformaw ruhhom biex jakkomodaw l-influss ta' turisti barranin li nvadew pajjizina "bl-ghasafar tac-comb". Kienu jilhqu gwidi turisticI bi tliet xhur preparazzjoni biex ilahhqu mad-domanda dejjem tikber u r-ristoranti taghna ghalkemm ma kellhomx l-istandards igenici tal-lum kienu mikulin bin-nies u ma jistghux ilahhqu maghhom.

## Ma morniex hazin daqs id-darba l-ohra!

Din il-gimgha qed nisma' l-ahbarijiet tan-NET TV b'wahda minnhom tghid li sar titjib ta' 8% fuq it-turisti li zaru lil pajjizna matul Jannar parmezz ta' 'cruise liners' billi s-sena l-ohra ma kien gie l-ebda turist matul dan il-perfodu. In-numru 'zero' jew xejn sar ukoll jifforma parti mill-istatistika Nazzjonalista. Vera ahbarijiet b'differenza!

Specjalment b'differenza minn dak li konna nisimghu fit-tmeninijiet. L-unicI ahbarijiet pozittivi li qeghdin nisimghu dan l-ahhar huwa li "ma morniex hazin daqs id-darba l-ohra!".

L-istess nistghu nghidu ghall-gvern li jifrah li haddiehor qed jitkellem mieghu biex isellfu l-flus. Fi kliem iehor gvern li jifrah b'kemm qala'. U wara kollox kemm issellef biex Ihallas id-dejn iktar milli biex jizviluppa. Fejn marret l-irgulija li niftahru b'kemm kibret il-kaxxa ta' Malta?

Ma tahsbux li sirna patetici li biex nuru li ahna rgiel waqajna daqshekk fil-baxx li niftahru b'kemm irnexxielna niddejnu?

U dan l-ahhar donnu jitla' fil-wicc ukoll il-fatt li d-dhul sforzat u rduppjat tal-Gvern minghand l-istess poplu tieghu billi jigbor il-'bad debts' tat-taxxi u flejjes ohrajn dovuti lilu mic-cittadini wkoll qed jinxef.

Fis-snin li ghaddew il-gvern ghamel hafna mizuri li wasslu biex jigbor licenzji mhux imhallsin, jaqta' kontijiet pendenti, Igieghel (billi jbezza bil-multi) lil kull min kellu xi haga dovuta beix ifittex lhallasha. Dan kabbar id-dhul tal-gvern ghal perjodu qasir u t-tattika hadmet.

Izda l-ahbarijiet ta' din il-gimgha sirna nafu wkoll li d-dhul tal-gvern naqas. Dan bla dubju ghax il-kontijiet pendenti la jkunu thallsu m'humiex se jergghu jithallsu. L-istess licenzji b'lura u hlaisjiet ohrajn li c-cittadin kien qed jiehu l-hin kollu tieghu biex ihallas.

**<u>Kjuwijiet twal</u>**

Nahseb li l-ahhar kumment tieghl dwar l-ahbarijiet ta' din il-gimgha huwa l-mod kif qeghdin ikunu kkaratterizzati minn filmati ta' kjuwijiet twal ta' nies.

Kellna kjuwijiet ghac-cilindri tal-gass li s-servizz li l-gvern iwassallek ic-cilindru tal-gass id-dar spicca f'servizz li tmur ghalih int u tistenna sighat twal fil-kju beix forsi jaqduk. U kju iehor li din id-darba deher fuq One News kien il-kju jistenna biex ihallas il-licenzji tal-karozzi.

Ma nafx kif b'sistema kompjuterizzata tista' thalli kjuwijiet twal bhal dawk jistennew. Ghalkemm kull meta mort l-Awtorita' tat-Trasport dejjem minn ringiela skrivani nofshom kienu jkunu maghluqin u ma jaqdux nies. Jien stess bghatt cekk biex il-licenzja tinqalibli ghall-Belt u ghadni ma rcevejt l-ebda licenzja gdida!

Izda hawnhekk jien nistaqsi: hija din id-dehra ta' Malta 2005 wara li saret membru shih fl-Unjoni Ewropea?

Ifakkruni f'simbolu haj ta' l-istagnar ta' l-ekonomija u kif ic-cittadin qed jiddubita jekk jinqediex fil-bzonnijiet bazici tieghu bhalma huwa l-gass. Jewwilla, shabi, m'intomx qeghdin tindunaw f'hiex spiccajna?